# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tal-11 ta' Jannar 2024**

**Talba nru. 547/2018/1**

**SAINT JAMES (CAPUA) HOSPITAL LTD. (C 14713)**

*VERSUS*

**LYNDA BARKER (NUMRU TAL-PASSAPORT TAR-RENJU UNIT 465103433)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2018 (a fol 1 et seq), is-soċjeta' attriċi talbet l-ammont ta´ erbat elef u ħames mija u ħamsa u disgħin Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4595.58) rappreżentanti servizzi mediċi u servizzi oħra konnessi u anċillari favur il-konvenuta, bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv.

Ra illi l-konvenuta ippreżentat ir-risposta tagħha fil-11 ta' Frar 2019 (a fol. 14).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta´ dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fit-18 t'Ottubru 2021, is-soċjeta' attriċi għalqet il-provi tagħha (a fol. 113).

Ra illi fit-22 ta' Ġunju 2022, il-konvenuta għalqet il-provi tagħha (a fol. 298).

Ra illi l-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom fit-22 ta' Ġunju 2022 (a fol. 342) salv għat-traskrizzjoni tax-xhieda li nstemgħu b'mod telematiku u liema xhieda kienet ippreżentata fis-27 ta' Settembru 2022 (a fol. 354 *et seq*).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Ma hux kontestat bejn il-partijiet illi l-konvenuta kienet irċevit trattament mediku mill-isptar imħaddem mis-soċjeta' attriċi bejn is-18 ta' Novembru 2017 u l-21 ta' Novembru 2017. Il-punt ta' diżgwit bejn il-partijiet hu jekk il-kunsens tal-konvenuta kienx ivvizzjat meta aċċettat li jirċievi tali trattament mediku b'dan illi l-konvenuta allegat illi s-soċjeta' attriċi aġixxit in *mala fede*.

Kuntratt bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenuta

*Stante* illi l-konvenuta iddeċidiet hi minn jeddha illi tibqa' l-isptar Saint James għat-trattament mediku u iffirmat il-*consent for treatment form* li tinsab a fol. 63, allura kien hemm kuntratt bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenuta u dan skond id-definizzjoni ta' kuntratt illi tinsab fl-Artikolu 960 tal-Kodiċi Ċivili.

Importanti jingħad f'dan l-istadju illi skond il-verbal datat 18 t'Ottubru 2021, "*id-difensuri tal-partijiet qed jaqblu li ma hemmx ħtiega ta' prova dwar l-awtentiċita' tad-dokumenti ppreżentati li jinsabu a fol. 15 sa fol. 26 tal-proċess odjern f'din it-talba.*" (a fol. 113).

B'dan illi allura l-konvenuta hi obbligat illi tħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' erbat elef u ħames mija u ħamsa u disgħin Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4595.58) rappreżentanti servizzi mediċi u servizzi oħra konnessi u anċillari favur il-konvenuta, u liema kopja tal-*invoice* tinsab a fol. 89 u 90.

Il-kuntratti jridu jkunu eżegwiti bil-bona fidi

Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi

"*Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi.*"

Il-Kodiċi Ċivili ma jipprovdix definizzjoni ta' x'inhu bona fidi. Biss pero' fis-sentenza ***Pia Grech v Mondial Travel***, deċiża fis-7 ta' Novembru 2008,[1] l-Onorabbli Qorti rriteniet illi jrid isir test oġġettiv sabiex wieħed jistabbilixxi illi l-klawsoli fil-kuntratt kienu ġusti u ekwi bejn iż-żewġ partijiet, b'dan illli jfisser illi irid ikun applikabbli id-diliġenza tal-*bonus pater familias*. Interessanti huwa l-fatt illi l-avukat difensur tal-konvenuta ittenta jsemmi d-definizzjoni ta'

[1] Ref.: 4/2008

konsumatur li kellha tkun addotata f'dan il-każ, b'dan illi s-sentenza hawnhekk ċitata titratta kuntratt ma' konsumatur.

F'dan il-każ, hu ċar illi s-soċjeta' attriċi applikat tali diliġenza b'attenzjoni kbira *stante* illi l-konvenuta jidher illi kienet taf mill-ewwel li ser tħallas għat-trattment mediku li kienet ser tirċievi mill-istpar Saint James mill-mument li rifset ġewwa dan l-istpar u dan kif joħroġ mis-segwenti provi hawn taħt elenkati:

1. Skond kopja ta' riklam tas-soċjeta' attriċi illi ġiet ippreżentata mill-konvenuta, u liema riklam is-soċjeta' attriċi tinnegah li kienet qed tagħmel tali riklami, tali riklam jagħmel referenza għal tali diskors: "*The Saint James Hospital Group has committed itself to continue offering the high quality service and outstanding medical care which has earned it a reputation for excellence in private healthcare over the years*" (a fol. 35) u li allura li hu important f'dan il-każ hu illi hemm ċar u tond il-kliem private healthcare u li għaldaqstant, jekk l-avukat tal-konvenuta jgħid illi tali riklam sar "*fil-ġurisdizzjoni tal-konvenuta u liema riklam għadu faċilment aċċessibli u fuq siti bħal youtube.com*" (a fol. 31), dan jissostanzja l-argument illi l-konvenuta minn dejjem kienet konsapevoli li l-isptar Saint James hu sptar privat;

2. Skond l-affidavit ta' Jonathan Hugh Phillips, illi hu rappreżentant tas-soċjeta' tal-assigurazzjoni u ma' liema soċjeta' kienet allura assigurata l-konvenuta, u liema affidavit hu datat 18 ta' Marzu 2022, hu jgħid illi "*Mrs Barker's case notes show that we received a call from St. James Hospital notifying us of her admission to the facility. Our staff spoke to Mrs Barker's husband and informed him that the policy did not cover private treatment*" (a fol. 186);

3. Skond ix-xhieda in kontro-eżami ta' Jonathan Hugh Phillips, illi hu rappreżentant tas-soċjeta' tal-assigurazzjoni u ma' liema soċjeta' kienet allura assigurata l-konvenuta, u liema xhieda hi datata 19 ta' Lulju 2022, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 376, Jonathan Hugh Phillips qal is-segwenti:

"*Dr. Ruth Ellul: One question from my end. Mr Phillips, you said that you had advised the customers – Mr Davison and Ms Barker – to request a discharge and go to Mater Dei instead. Can you confirm when you provided that instruction? Was it when they were at St. James?*
*J H Phillips: Again I recall well that both those logs were the initial calls, from the customers to our emergency assistance facilities while they were at St James Hospital.*"

It-Tribunal jinnota illi l-konvenuta qatt ma tat ix-xhieda tagħha (a fol. 354) u allura qatt ma ġiet mistoqsija dwar dan il-każ. Biss pero' dan kien nuqqas min-naħa tagħha u fejn hi kellha kull opportunita' sabiex tagħti l-verżjoni tagħha għal darba darbtejn. Tali nuqqas ma jistax jitqies illi s-soċjeta' attriċi mhix qed tgħid il-verita' iktar u iktar meta tqis illi Jonathan Hugh Phillips hu rappreżentant tas-soċjeta' tal-assigurazzjoni u ma' liema soċjeta' kienet allura

assigurata l-konvenuta. Inoltre' il-proċess jindika li tali talba kienet qed tinstema' mat-talba numru 230/2020 fl-ismijiet Saint James (Capua) Hospital Ltd. v. Stephen Davison peress illi l-fatti huma l-istess bid-differenza biss fl-isem tal-konvenuta in kwistjoni.

Tali bona fidi trid tkun ukoll interpretata flimkien mal-artikoli tal-Kodiċi Ċivili illi jirregolaw il-kunsens tal-partijiet fil-kuntratt, b'referenza kemm għall-frodi u kemm għall-vjolenza, speċjalment peress illi l-konvenuta għamel referenza fir-rispota tiegħu li hu kien f'pożizzjoni vulnerabbli.

Kunsens ivvizzjat bi frodi

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta` Marzu, 2003, fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Aquilina et v. Alfred Ellul***, hemm elenkati l-erba' elementi li huma mehtiega li jikkonkorru sabiex il-qerq jivvizzja l-kunsens:

*"(a) l-intenzjoni li jqarraq da parti tal-parti l-ohra;*
*(b) l-ghemil doluz irid ikun gravi;*
*(c) id-dolo trid tkun determinanti biex gie iffirmat il-kuntratt; u*
*(d) id-dolo irid ikun sehh bil-partecipazzjoni, attiva jew passiva, tal-parti l-ohra."*

Inoltre, il-Qorti kemm fl-istess sentenza u kemm ukoll fis-sentenza ***Maria Francesca Stevens v. Caroline Gatt***[2] qalet illi *"l-frodi jrid dejjem jigi ppruvat, bi kwalunkwè mezz Ii tippermetti l-ligi, izda dik il-prova trid tirrizulta b'mod car u cert u ma tistax tigi prezunta."*

Għaldaqstant, *stante* illi kif ingħad hawn fuq, tali kunsens tal-konvenuta ma setax kien ivvizzjat bi frodi.

Kunsens ivvizzjat bi vjolenza

Artikolu 977 tal-Kodiċi Ċivili jistipula illi jekk il-kunsens jittieħed bil-vjolenza allura tali kuntratt bejn il-partijiet għandu jitqies null u bla effett. Biss pero' Artikolu 978 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi meta titqies li hemm vjolenza b'dan illi tali Artikolu jgħid illi

*"978. (1) Il-kunsens jitqies meħud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li taħkem fuq persuna raġonevoli u ġġegħilha tibża' li hija nfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqiegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira.*

*(2) F'dawn il-każijiet, għandhom jitqiesu l-età, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna."*

Jista' jkun hemm ukoll vjolenza morali, biss pero' l-Qrati tagħna kellhom l-opportunita' illi

[2] 31 ta' Jannar 2018, Qorti tal-Appel, Ref.: 481/2013

jfissru meta tali vjolenza tista' twassal għan-nullita' tal-kuntratt bejn il-partijiet. L-Onorabbli Qorti fis-sentenza ***Camilleri v. Vella***, deċiża fid-9 ta' Ġunju 2003, spjegat illi

*"l-istat ta' anzjeta' u turbulenza tal-persuna ma jfissirx li l-kunsens ikun vizjat, għax fin-nuqqas ta' prova ta' theddida ta' vjolenza fiżika impellenti, darba li jirriżulta li l-kontraent kien jaf x'inhu jagħmel, il-kuntratt m'għandux jitħassar."*

B'dan allura f'dan il-każ, hekk kif jidher mix-xhieda ta' Jonathan H Phillips, jidher lampanti li l-kunsens tal-konvenuta ma kienx ivvizzjat bi vjolenza *stante* illi l-konvenuta kienet taf x'inhi tagħmel u volontarjament baqgħet l-isptar Saint James għall-kura medika neċessarja.

Kuntratt bejn is-soċjeta' tal-assigurazzjoni u l-konvenuta

Il-fatt illi jidher illi kien hemm diżgwit bejn is-soċjeta' tal-assiguarazzjoni u l-konvenuta m'għandux iwassal sabiex il-konvenuta ma tħallasx dak li hu dovut lis-soċjeta' attriċi għaliex il-ftehim bejn is-soċjeta' tal-assigurazzjoni u l-konvenuta mhuwiex mertu ta' din il-kawża u tali diżgwit m'għandux tbatih is-soċjeta' attriċi.

Tant hu hekk illi l-kopja tat-*travel insurance* ippreżentati minn Jonathan Hugh Phillips juru b'mod l-aktar ċar illi din tgħajjat lill-konvenuta u bl-ebda mod lis-soċjeta attriċi (a fol. 224 *et seq*). Anke fl-affidavit tal-istess Jonathan Hugh Phillips, hu stqarr illi "*Mrs Barker purchased*" (a fol. 184) u li allura turi li l-konvenuta kienet f'kuntratt mas-soċjeta' tal-assigurazzjoni biss. Ukoll, dan it-Tribunal innota dak li qal Jonathan Hugh Phillips, illi hu rappreżentant tas-soċjeta' tal-assigurazzjoni, meta xehed fit-3 t'Awwissu 2022, u liema parti mix-xhieda tal-kontro-eżami tinsab a fol. 359 u 360 is-segwenti:

*"Dr. Kirk Brincau: Just a clarification on re-examination. So Ms Barker and Mr Davison were compensated for certain sums, but there was contestation for the invoices directly with St James? Could you clarify?*
*J H Phillips: Correct."*

Jidher illi s-soċjeta' tal-assigurazzjoni iddeċidiet hi li ma tkoprix dan it-trattament mediku li ħa l-konvenuta mis-soċjeta' attriċi sempliċiment għax japplikaw diskrezzjoni min-naħa tagħhom. Fil-fatt fil-kontro-eżami tiegħu, Jonathan H Phillips jgħid a fol. 370 illi "*there is a discretion, as always, for both the underwriters and the agents of the insurance to take a sensible and reasonable decision in the interpretation of the policy wording and any exceptions that might apply*." Ukoll, a fol. 331, Jonathan H Phillips qal illi "*the excess is paid as part of the claim*."

Biss pero', kif dan it-Tribunal diġa' qal, tali kuntratt tal-assigurazzjoni u biss bejn is-soċjeta' tal-assigurazzjoni u l-konvenuta u s-soċjeta' attriċi ma hi bl-ebda mod parti minn tali ftehim.

Dwar il-ħlas mediku

Fir-risposta tagħha, il-konvenuta ittentat tgħid illi l-ħlas pretiż mis-soċjeta' attriċi hu abbużiv u altament esaġerat u jinkludi wkoll pagament għal servizzi mhux provduti.

L-ewwelnett, dan it-Tribunal irid jiċċara illi hu ma hux f'pożizzjoni illi jiddeċiedi x'kien it-trattament illi l-konvenuta kellu bżonn.

Inoltre', dan it-Tribunal jgħid illi hawn suq ħieles u allura dan it-Tribunal qatt ma jista' jiddeċiedi hu jekk ammont mitlub huwiex esaġerat jew le.

Ukoll, il-konvenuta ma ġabet ebda prova li turi li kien hemm xi servizz li ma kienx provdut lilha u liema servizzi huma elenkati fl-*invoice* li tinsab a fol. 89 u 90.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-ammont ta´ erbat elef u ħames mija u ħamsa u disgħin Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4595.58) rappreżentanti servizzi mediċi u servizzi oħra konnessi u anċillari favur il-konvenuta u bl-imgħax legali mis-26 ta' Novembru 2018 sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-konvenuta.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur